MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48/8

It-Tlieta 4 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

048.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

048.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (46 [6/4/2021];

048.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

048.4 Bye Law – Kontroll tal-Hamiem;

048.5 Sejha għall-Offerti: *GLC-01-2021 – Restoration, Reconstruction and Construction of Rubble Walls at Dawret il-Gudja, Vjal l-Avjazzjoni and Triq Santa Marija, Gudja (Measure 4.4)*

048.6 Traffic Management f'diversi toroq fil-lokalita;

048.7 Sitwazzjoni dwar il-konfini tal-Gudja;

048.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

048.9 Rapporti;

048.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

048.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

048.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta` filgħaxija (6:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**048.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-kunsillier MA Sammut talab sabiex jigi skuzat minhabba ragunijiet ta` xoghol. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

**048.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 46/9 nem con.

**<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir korrezzjoni dwar il-partit poltiku billi jisemma` l-isem tal-partit.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel rimarka fuq il-votazzjoni li ittiehdet, fejn talab sabiex ikun hemm korrezzjoni fejn il-Vici Sindku ma jitqiesx li astjena imma li ma ppartecipax minhabba kunflitt ta` nteress.

**048.3. Komunikazzjoni mis-Sindku;**

048.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-mandat ta` inibizzjoni li kien hemm fuq il-bus shelter ta` Triq Hal-Ghaxaq, fejn infurmat lil dawk prezenti li l-Qorti ma tatx raguni lir-resident li ghamel dan il-mandat. Ghalhekk ix-xoghlijiet fuq il-bus shelter jisghtu jinbdew.

Fis-6.30pm Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

048.3.2 Is-Sindku talbet sabiex jigu riveduti sinjali fi Vjal it-Torri fejn saret ic-central strip il-gdida. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

048.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li hija talbet lill-Contracts Manager sabiex jhejji rapport fix-xahar ta` xoghlijiet li jkunu saru mill-kuntratturi tal-Kunsill. Dr. Vella qrat ir-rapport li gie mhejji

ghal attenzjoni ta` dawk prezenti. Is-Sindku ziedet tghid li dwar il-kuntrattur tal-gonna irid ikun hemm aktar spezzjonijiet biex naraw li xoghol qed isir sew.

048.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien applika ghall-fondi tal-LESA ghall-progett tal-outdoor gym fl-area ta` fejn il-Palazz ta` Bettina.

048.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni ta` Triq iz-Zebbuga fejn talbet sabiex il-Kunsill jitkellem mal-ufficjali tal-LESA u l-perit li qed jiehu hsieb ix-xoghlijiet ta` toroq fil-Gudja biex isiru devjazzjonijiet neccessarji.

048.3.6 Is-Sindku prezentat korrispondenza mibghuta mir-Refab Malta dwar servizz gdid li qed jigi provdut minn naha taghhom, dwar kontenituri li jintuzaw biex jintrema zejt uzat. *(cooking oils)*

048.3.7 Is-Sindku prezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-AKL dwar l-inizjattiva Water Be The Change, sabiex il-Kunsill jghin fit-tqassim ta` dan il-water kit lir-residentil. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti sabiex il-Kunsill juri l-interess tieghu f`din l-inizjattiva.

048.3.8 Giet prezentata l-kwotazzjoni tal-kotba li ser jinxtraw ghall-Librerija Pubblika tal-Gudja,. Dawk prezenti approvaw din il-kwotazzjoni.

048.3.9 Prezentata Cirkulari AKL2021/035 dwar regolamenti ta` kklampjar u t-tnehhija ta` vetturi bil-mutur u oggetti ta` ngombru.

048.3.10 Giet prezentata korrispondenza dwar it-toqob tal-art tan-nar li jridu jsiru fi Triq Bir Miftuh wara li titlesta t-triq. Dwar dan ser ikun hemm kordinament bejn iz-zewg kazini u kuntrattur li qed jaghmel ix-xoghlijiet.

048.3.11 Is-Sindku tablet sabiex ninfurmaw lill-kuntrattur li qed jaghmel it-toroq dwar fejn qeghdin il-bollards li kien hemm fejn l-skola Primarja.

048.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-AKL 2021/036 Binijiet Mixghula Homor – Jum Dinji tad-Donaturi ta`Demm fejn din ser tkun iccelebrata fl-14 ta` Gunju. Is-Sindku proponiet sabiex

jinxghtel bil-kulur ahmar il-binja tal-Kunsill u kif ukoll l-faccata tal-Knisja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawl prezenti.

048.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar Light Up The Night 2021, fejn proponiet li tinxeghel il-binja tal-Kunsill bejn il-11 u 12 ta` Mejju 2021. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

048.3.14 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun Nofinshar dwar il-Premju Qasam Socjali 2020.

048.3.15 Is-Sindku għamlet referenza għall-SPI/SCI/2/2021, fejn proponiet li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi billi jinvesti f'aktar apparat u bins u jsiru xi manutenzjonijiet oħra li għad hemm bżonn fil-bandli ta` Ġnien Raymond Caruana. Is-Sindku proponiet ukoll li jekk huwa possibli isir xi tip ta` tinda. Dwar dan il-proponimenti kien hemm qbil min dawk preżenti sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema.

048.3.16 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-AKL dwar Group Life Policy ghall-Kunsilliera.

048.3.17 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-kumpanija TCTC dwar korsijiet tal-ECDL u korsijiet ohra tal-kompjuter. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill isaqsi xi flus irid johrog sabiex napplikaw ghall-korsijiet tal-ECDL.

048.3.18 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza dwar l-inizjattiva Wifi4U, fejn proponiet li l-Kunsill jmur ghall-ewwel alternattiva. Dwar dan kien hemm qbil.

048.3.19 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li road humps ta` Triq Victor Pasmore kienu twahhlu. Dr. Vella ziedet tghid li wahda minn dawn ir-rumps inqghalet minn xi individwu u l-Kunsill ghamel rapport lill-pulizija.

**048.4 Bye Law – Kontroll tal-Hamiem;**

048.4.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li dokumenti kollha relatati kienu ntbghatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni tal-Ministru.

048.5 **Sejha ghall-Offerti:** ***GLC-01-2021 – Restoration, Reconstruction and Construction of Rubble Walls at Dawret il-Gudja, Vjal l-Avjazzjoni and Triq Santa Marija, Gudja (Measure 4.4)***

048.5.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li llum kienet l-ahhar gurnata sabiex jintaqhu s-sejhiet tal-offerti. Is-Sindku kompliet tghid li kien hemm hames (5) offerti ghal dawn ix-xoghlijiet. Ziedet tghid li fil-gimghat li gejjin kien ser jintaqa` l-bord ta` evalwazzjoni sabiex jigu aggudikati dawn l-offerti.

048.6 **Traffic Management f`diversi toroq fil-lokalita**

048.6.1 Dan l-item ma giex diskuss minhabba li l-Kunsillier li talab sabiex tigi diskussa din il-materja ma kienx prezenti.

048.7 **Sitwazzjoni dwar il-konfini tal-Gudja**

048.7.1 Dan l-item ma giex diskuss minhabba li l-Kunsillier li talab sabiex tigi diskussa din il-materja ma kienx prezenti.

048.8 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

048.8.1 Il-Vici Sindku talab sabiex jinqata` l-haxix f`diversi toroq rurali fil-Gudja mill-haddiema tal-Kunsill.

048.8.2 Il-Vici Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob lill Public Transport sabiex isir stage temporanju fl-area ta` Hal-Resqun.

048.8.3 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-gonna sabiex jinghata servizz ahjar.

048.8.4 Il-Vici Sindku propona sabiex il-bus stop ta` Triq Raymond Caruana jitnehha ma tantx jintuza u jisghtu jsiru aktar parkeggi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti li nibghatu din it-talba.

048.9 **Rapporti;**

Ma kienx hemm rapporti.

048.10 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-kuntratt kien gie drafted u gie mibghut lill IM u lill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid li l-kuntrattur staqsa dwar certifikazzjoni tal-perit. Is-Sindku proponiet li ghandha ssir certifikazzjoni tax-xoghol li sar sa ` issa mill-perit ta` IM u xoghol li ser isir wara jigi certifikat mill-perit tal-Kunsill.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li minn naha tal-Ministeru qed ihejju document ta` tender u li minn naha tal-Kunsill baghtna CAD Drawing kif mitlub minnhom.

d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Ministeru ghadu ma ghadiex il-handover lill-Kunsill.

048.11 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 24/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M Micallef u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €51,084.07 u ġiet approvata nem con.

048.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija (7:45pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 1 ta` Gunju 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 8 ta` Gunju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv